MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2013

Numru. 931/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Luca Vella Petroni ta’ 19-il sena iben Christopher u Carol nee’ Bianco, imwieled fit-13 ta’ Gunju 1993, Pieta’, joqghod Edera, Triq Valletta, Mosta detentur tal-karta ta’l-identita bin-numru 274893(M)**

**Aaron Sammut ta’ 20 sena, iben Raymond u Nathalie nee’ Galea, imwieled 23 ta’ Mejju 1992 Pieta’, joqghod 13, Raynat, Triq Anton Inglott, San Gwann detentur tal-karta ta’l-identita’ numru 264492(M)**

**Maverick Fenech, 19-il sena, iben Noel u Louise Ann nee’ Gerada imwieled 10 ta’ Gunju 1993, Pieta’, joqghod Blk 14, Bieb A, Fl5, Triq l-Istefanotis, San Gwann, detentur tal-karta ta’l-identita’ 274793(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati Luca Vella Petroni, Aaron Sammut u Maverick Fenech akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer fil-21 ta' Gunju 2009 ghal habta ta' nofs il-lejl u ghaxra (12:10a.m.) fil-Bajja ta' San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

Hebbew kontra l-persuna ta' Andre Frendo, Marcel Apap u Nomar Apap sabiex jingurjawhom jew idejquhom jew sabiex jaghmlu hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor.

Il-ko-imputati Luca Vella Petroni u Aaron Sammut minghajr il-hsieb li joqtlu jew li iqieghdu l-hajja fil-periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Andre' Frendo.

Il-ko-imputati Aaron Sammut u Maverick Fenech talli ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fil-gisem ta' Marcel Apap u Nomar Apap.

U akkuzati aktar flimkien talli volontarjament kissru il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u bil-glied.

Il-ko-imputat Luca Vella Petroni wahdu talli irrenda ruhu recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta datata 27 ta' Frar 2008 liema sentenza saret definttiva u ma tistax tigi mibdula,

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tas-7 ta' Settembru 2009 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat,

Illi l-incident mertu ta’ dina il-kawza sehh fil-bajja ta’ San Gorg gewwa San Giljan f’jum fi tmiem il-gimgha tard bil-lejl fejn kienu involuti diversi zghazagh li sfortunatament fil-maggior parti kienu minorenni. Glieda li mill-provi akkwizti jirrizulta li inqalghet minghajr ebda raguni, semplicement ghax wiehed hares lejn l-iehor. Il-Qorti mal-ewwel tistqarr illi kienet kemmxejn sorpriza kif guvintur li ghadhom taht l-eta’ jidhrilhom illi il-mod kif ghandhom jiehdu pjacir huwa billi johorgu, jixorbu u imbaghad jaqilghu l-inkwiet ghal xejn b’xejn. Dana huwa l-isfond ta’ dina l-kawza, sfortunatament! Mill-provi li hemm fl-atti jirrizulta illi xi zmien ilu kien gie iffurmat grupp bejn zghazagh li l-ghan taghhom ma kienx xi wiehed ta’ beneficenza jew inkella marbut mal-istudji jew xi delizzju partikolari, izda wiehed ta’ glied, vjolenza, sess u nuqqas ta’ rispett lejn ghajrhom. Illi ghalkemm l-imputati jichdu meta jaghtu ix-xhieda taghhom illi kienu jiffurmaw parti minn dana il-grupp, madankollu mil-provi akkwiziti, l-Qorti ma ghandhiex dubbju illi fil-fatt dana kien il-kaz, u dana b’mod specjali fir-rigward ta’l-imputat Luca Vella Petroni[1]. Fil-fatt il-Qorti tistqarr mal-ewwel illi mit-tlett imputati, huwa l-imputat  Luca Vella Petroni li l-iktar li jippreokupaha u dana mhux biss ghaliex diga ghandu kundanna simili ghall-akkuzi li qed jiffaccja f’dina il-kawza, izda anke minn dak li xehdet l-Ufficjal tal-Probation Marilyn Attard li kienet qieghda issewgwieh, minn fejn jirrizulta illi dana l-guvni ghalkemm ghadu zghir fl-eta madanakollu huwa diga miflug b’problemi serji bhall-abbuz ta’ droga.

Ikkunsidrat,

Illi l-parti leza Andre Frendo ighid illi f’dak il-lejl kien jinsab gewwa l-bajja ta’ San Gorg flimkien mal-kugini tieghu l-ahwa Apap. Ighid illi f’hin minnhom, meta kien ghadu bil-qieghda, huwa gie avvicinat mil-imputat Luca Vella Petroni li beda isawwtu minghajr ebda raguni ta’ xejn. Meta qam bil-wieqfa u staqsieh ‘il ghala kien sawwtu, dana wiegbu ghaliex kien rah qed ihares lejh. Frendo

[1] Ara Dokument TM1 a fols. 40 sa 43 u Dokument RF a fols. 83 sa 86

ighid illi sabiex jiddefendi ruhu huwa xejjer xi daqqiet ukoll fil-konfront ta’ Vella Petroni, izda f’hin minnhom ighid illi gie l-imputat Aaron Sammut li ukoll refa’ idejh fuqu u tah daqqa fuq rasu. Ighid illi huwa sa dak in-nhar ma kienx jafhom lil dawn iz-zghazagh. Ighid illi fl-incident sofra brix f’saqajh u f’idejh u girfa fuq wiccu.

Jikkontendi illi wara l-incident l-imputat Luca Vella Petroni kien qaghad jiccettja mieghu fejn huwa ammetta mieghu li kien sawwtu u jiskuza ruhu mieghu ghall-incident fejn jitolbu sabiex iwaqqa’ l-kaz kontrieh.[2]

Nomar Apap jikkontendi illi huwa ra lill-imputat Sammut jaghti daqqiet ta’ harta lil huh Marcel. Jikkonferma illi huwa osserva lill-imputat Luca Vella Petroni isawwat lil kuginuh Andre Frendo. Ighid illi kif ipprova iqum gie l-imputat Maverick Fenech fuqu u beda jaghtih bis-sieq fuq rasu. Josserva ukoll lil Aaron Sammut jaghti xi daqqiet bil-mobile phone fuq ras huh. Ighid illi imbaghad huh Marcel irnexxielu jahrab fejn waqqaf xi turisti u talabhom ighinuh u li kuginuh Andre Frendo spicca mitfugh il-bahar minn Aaron Sammut. Jikkonferma ukoll illi qabel l-incident lill-imputati huwa ma kienx jafhom. Ighid illi konsegwenza ta’ dana is-swat huwa sofra diversi griehi specjalment f’rasu fejn anke spicca ghamel jumejn rikoverat l-isptar. Jikkonferma ukoll illi wara l-incident l-imputat Luca Vella Petroni ipprova jikkomunika mieghu tramite l-MSN fejn anke offrielhom is-somma ta’ €100 sabiex huma iwaqqfu l-kawza. Ighid ukoll illi induna illi l-imputati jifformaw parti mil-grupp imsejjah Family Guys u li sab il-profile ta’ dana il-grupp fuq il-Hi5.

Marcel Apap minn naha tieghu ighid illi huwa kien miexi lejn il-bajja ta’ San Gorg fejn kellu jiltaqa’ ma’ huh u kuginuh. Mat-triq huwa osserva lit-tlett imputati li kienu fi grupp ta’ madwar hmistax-il zaghzugh u osserva li dawn bdew isegwuh. Kif wasal fil-bajja ighid li pogga bil-qieghda fejn huh u kuginuh. Jikkonferma illi kien Maverick Fenech li gie fuqu u beda isawwtu. Hu waqa’ lura izda kif qam gie Aaron Sammut fuqu u beda isawwtu ukoll bil-mobile

[2] Ara Dokument TM2 a fol.44 et. Seq.

phone tieghu. Wara dan ighid illi Sammut beda jakkuzah li kissirlu dana il-mobile pone, izda huwa jikkontendi illi it-telefon cellulari inkiser bid-daqqiet li tah Sammut fuq ghajnejh bih. Ighid li osserva lil Luca Vella Petroni u lil Maverick Fenech isawwtu lil kuginuh u lil hu. Izda kif kien qed ihares lejhom ighid illi gie Maverick fuqu sabiex isawwtu u kif qam halli jiddefendi ruhu jiftakar lil Sammut jaghtih daqqa b'irkobbtejh fuq wiccu. Hu irnexxielu jahrab fejn fit-triq iltaqa' ma xi turisti li taw l-assistenza u jikkontendi illi l-glieda waqqfet ghaliex gew dawn in-nies ta' karnaggjon skur jaghtuhom l-ghajnuna.  Ighid ukoll illi qabel l-incident huwa ma kienx jaf lill-imputati u li sabhom fil-profile li kien hemm fuq il-Hi5 tal-grupp Family Guys.

Illi minn naha taghhom l-imputati ma jichdux illi kienu involuti fi glieda ma' dawn it-tlett zaghzagh. Fil-fatt dana ighiduh kemm fl-istqarrija li jirrilaxxjaw lill-pulizija meta jigu arrestati u interrogati, kif ukoll meta jaghtu ix-xhieda taghhom fil-Qorti, l-imputati Luca Vella Petroni u Maverick Fenech. Illi d-difensuri ta' dawn iz-zewg imputati jikkontendu illi l-Qorti ghandha tiskarta l-istqarrijiet taghhom li gew rilaxxjati fiz-zmien meta huma ma kellhomx dritt jiksbu parir legali. Illi ma hemmx dubbju li l-konfessjoni maghmula f'dana il-*pre-trial stage* u cioe' fl-istadju meta persuna tigi arrestata u interrogata tittiehed bi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu/taghha u dana fuq skorta ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali recentement.[3]

Illi madanakollu l-imputati Luca Vella Petroni u Maverick Fenech ghazlu li jiehdu il-pedana tax-xhieda, ghalkemm ma humiex obbligati jaghmlu dan, u fix-xhieda taghhom huma jikkonfermaw bil-gurament il-kontenut kollu ta'l-istqarrijiet rilaxxjati minnhom! Il-Qorti ghalhekk ma tistax tiskarta iktar dawn l-istqarrijiet ghaliex mhumiex dikjarazzjonijiet mehuda fil-*pre-trial stage*, izda issa huma parti integrali mix-xhieda ta'l-imputati u kwindi gialdarba l-imputati ghazlu li jixhdu il-Qorti ma tistax tiskarta x-xhieda taghhom. L-imputati xehdu bl-assistenza ta'l-avukati

[3] Ara sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali – Il-Pulizija vs Alvin Privitera, il-Pulizija vs Mark Lombardi fost ohrajn.

taghhom li kienu prezenti tul l-*iter* processwali kollu u ghalhekk id-drittijiet taghhom kollha gew skrupolozament osservati mill-Qorti. L-imputati kellhom smigh xieraq kif trid il-ligi u ghalhekk id-dikjarazzjonijiet maghmula minnhom fix-xhieda taghhom jikkostitwixxu prova shiha fil-kawza.

Illi fir-rigward ta'l-imputat Aaron Sammut ghalkemm dana l-imputat ma jixhidx, madanakollu irid jigi osservat is-segwenti. Illi l-incident mertu tal-kawza sehh fil-21 ta' Gunju 2009. Illi l-imputati kollha, inkluz l-imputat Aaron Sammut jirrilaxxja l-istqarrija tieghu fit-03 ta' Awwissu 2009, kwazi xahrejn wara. Illi mill-atti tal-kawza u senjalatament mill-PIRS report esebiet[4], jirrizulta illi l-pulizija kienu baghtu ghall-imputat Aaron Sammut fit-03 ta' Lulju 2009 fejn hemmhekk huwa gie mitkellem dwar dana l-incident. Kwindi l-imputat gie interrogat xahar shih wara illi huwa kien gie infurmat mill-pulizija dwar l-allegazzjonijiet li kienu qed isiru fil-konfront tieghu in konnessjoni ma' dana il-kaz. Certament ghalhekk l-imputat kellu hin bizzejjed sabiex huwa jikkonsulta ruhhu ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel ma irrilaxxja l-istqarrija tieghu u jekk huwa ma ghamilx dan, dana kien certament nuqqas attribwibbli biss lilu u lil hadd iktar. Kwindi l-Qorti ghal dawn il-motivi l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-istqarrija ta'l-imputat Aaron Sammut ukoll bhala prova fil-kawza.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat Vella Petroni jikkonferma illi taha daqqa ta' ponn lil Andre Frendo. Ighid izda li ghamel dan ghaliex ra lil dan iz-zaghzugh ihares lejh bl-ikrah u wara qam bil-wieqfa. Peress illi haseb illi dan kien ser ihebb ghalih huwa xejjirlu daqqa ta' ponn. Jammetti ukoll illi kien hemm okkazzjonijiet fejn huwa kien ihobb jaqla' l-inkwiet, izda ma baqax jaghmel dan minhabba li kien qieghed taht Ordni ta' Probation. In kontro-ezami ighid illi huwa spicca il-bajja ta' San Gorg ghax mar hemmhekk jippassiggja. Jikkonferma illi jaf dwar il-grupp tal-Family Guys, izda

---

[4] Ara fol.7 tal-process

ighid illi kien hemm ismu imnizzel bhala parti minn dana il-grupp ghax nizzluh terzi u mhux hu.

L-imputat Aaron Sammut, kif diga inghad ma jixhidx fil-kawza, izda fl-istqarrija tieghu ighid illi hu u Maverick nizzlu fil-bajja ghaliex kien cemplilhom Luca Vella Petroni. Ighid illi meta wasslu Vella Petroni qalilhom li kellu argument ma' xi nies. Ighid illi waqt li kienu hemm Luca qabad glieda ma' wiehed zghazugh u hu u Maverick invovlew ruhhom f'dina il-glieda sabiex jiddefendu lil Vella Petroni.

Illi l-imputat Maverick Fenech minn naha tieghu ighid illi huwa kien ma' shabu gewwa Bay Street u wara mar jiltaqa ma Vella Petroni u Aaron Sammut. X'hin wasal hemm osserva lil Luca qed jiggieled ma' zaghzugh. Ighid illi ra grupp ta' zghazagh u fosthom ra lil Aaron ukoll jiggieled fejn osserva illi lil Aaron waqalu il-mobile phone. Osserva wiehed miz-zghazagh, lil fil-kawza jidentifika bhala Marcel Apap, jitlaq jigri u lil Aaron jigri warajh. Hawnhekk ighid illi huwa waqqa' lil dana iz-zaghzugh fl-art u hawn komplew isawwtuh Luca u Aaron. Izid ukoll meta jixhed illi lil Marcel Apap huwa tah xi daqqa ta' sieq ghax haseb lil kien ser ihebb ghalih. Ighid illi Luca u Aaron kienu flimkien, izda hu wahdu kien. Jichad li kien ma' Aaron u cemplilhom l-imputat Vella Petroni. Fil-fatt mil-call profiles esebieti fil-Qorti jirrizulta car u tond li fl-ebda hin ma kien hemm kuntatt telefoniku bejn l-imputat Vella Petroni u Aaron Sammut.[5]

Illi minn dana kollu jidher illi l-imputat Luca Vella Petroni jammetti illi sawwat lil Andre Frendo tant illi wara l-incident hass li kellu joffri l-apologija tieghu u anke offra li ihallas il-flus sabiex dana iz-zaghzugh jahfirlu fil-Qorti. Illi Maverick Fenech jammetti ukoll illi sawwat lil Marcel Apap filwaqt illi Aaron Sammut ighid illi huwa involva ruhu f'dina il-glieda sabiex jiddefendi lil siehbu. Illi huma jikkontendu illi ghamlu dana ghaliex hasbu illi dawn iz-zaghazagh kienu ser ihebbu ghalihom u li ghalhekk gew ipprovokati. Illi l-artikolu 227(c) fil-fatt jitkellem dwar l-iskuzanti tal-

[5] Ara Dokument TM4 a fol.48 et seq.

provokazzjoni u l-Qorti tara illi fil-fatt dina s-sitwazzjoni ma avveratx ruhha f'dana il-kaz. Fost ir-rekwizti sabiex tapplika dina l-iskuzanti hemm illi l-provokazzjoni trid tkun tali "illi f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqiesu il-konsegwenzi tad-delitt." Skond il-Professur Mamo il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll tieghu. Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv; il-bniedem ta' temperament ordinarju. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali deciza fl-10 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Abela gie deciz:
"Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta … il-gurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma'l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk: "***la situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l-attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto"*** (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397)."

Illi ghalhekk hemm zewg elementi li isawru dana l-iskuzanti u cioe' fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Illi l-Qorti ma tarax illi l-imputati kienu b'xi mod ipprovokati mil-parti leza. Illi ma hemmx dubbju illi l-verzjonijiet moghtija mil-parti leza u cioe' Andre Frendo, Marcel u Nomar Apap huma iktar verosimili minn dak li jikkontendu it-tlett imputati. Ma hemmx prova fl-atti illi l-

parti leza kellhom xi hsieb li jattakkaw lill-imputati jew lil xi hadd minnhom. Fil-fatt Vella Petroni stess ighid li hassu ipprovokat semplicement ghax dehrlu li Frendo kien qed ihares lejh bl-ikrah. Dana certament ma kienx jiggustifika l-aggressjoni minghajr razan li issubbew mil-imputati dawn it-tlett zghazagh li kienu bil-qieghda ghall-affari taghhom fuq ir-ramel fil-bajja ta' San Gorg.

Ma hemmx dubbju illi l-imputat Luca Vella Petroni hebb ghal Andre Frendo ghal xejn b'xejn u ikkagunalu diversi griehi fosthom gerha f'wiccu li ghadha tidher sal-lum u li ser tibqa sfregju f'wicc dana iz-zaghzugh ghalkemm mhijiex marka estremament vizibbli. Illi l-espert medikolegali, Dr. Mario Scerri jikkontendi illi "il-lezjoni tidher minn *talking distance* izda mhux daqshekk konspikjuwa", izda li "din tibqa' marka permanenti fil-wicc".[6] Illi l-Qorti ma ghandhiex dubbju illi dina l-gerha saret mil-imputat Vella Petroni u mhux mil-imputat Aaron Sammut billi Andre Frendo stess ighid illi Sammut tah daqqa fuq in-naha ta' xellug ta' rasu u mhux fuq in-naha tal-lemin ta'wiccu.

Illi ma hemmx dubbju lanqas illi l-imputati l-ohra Aaron Sammut u Maverick Fenech, li involvew ruhhom f'dina il-glieda, hebbew ghaz-zewg zaghzagh l-ohra u ikkagunawlhom griehi ta' natura hafifa u dana skond kif gie iccertifikat mit-tabib Mark Camilleri.[7]

Illi finalment l-imputati jinsabu ukoll akkuzati bir-reat kontravvenzjonali tal-ksur tal-bon ordni u paci pubblika. Illi anke dina l-akkuza tirrizulta sodisfacentement ippruvata billi ghalkemm l-incident sehh gewwa Paceville, madanakollu l-bajja ta' San Gorg, mhijiex xi diskoteka ghalkemm iffrekwentata minn diversi guvintur u tfajliet f'dak il-hin ta' bil-lejl. Illi  l-Qorti sejra taghmel referenza ghal sentenza mohtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Maria Concetta Green' (Volum LXXXIII Part IV paġina 441):

---

[6] Ara rapport a fol.114

[7] Ara certifikati medici a fols 10 u 11 tal-process u xhieda ta' Dr. Mark Camilleri a fol.73

***'L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat ġew eżaminati funditus f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil.***

Illi ma hemmx dubbju ghalhekk illi dina l-akkuza tirrizulta ampjament ippruvata billi bl-azzjonijiet taghhom dawn it-tlett zaghzagh nisslu biza f'mohh il-vittmi taghhom tant illi anke terzi estranji ghal dana l-incident hassew il-bzonn li jiddefenduhom.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat Luca Vella Petroni wahdu jinsab akkuzat li huwa recidiv. Illi s-sentenza li hija esbieta mil-Prosekuzzjoni hija sentenza fejn l-imputat gie imqieghed taht ordni ta' Probation. Illi dina s-sentenza ghalhekk ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni ghall-akkuza tar-recidiva billi ma tikkostitwixxi l-ebda kundanna fil-konfront ta'l-imputat. Kwindi l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi l-imputati kienu taht l-eta fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat. Illi fuq kollox izda l-Qorti hija tal-fehma illi dawn it-tlett imputati ghandhom bzonn il-gwida ta' nies professjonali f'hajjithom bit-tama li ma jaqbdux it-triq tad-delinkwenza u igharrfu illi l-vjolenza u in-nuqqas ta' rispett lejn terzi huma kundanabbli. Imgieba bhal din li kellha quddiemha l-Qorti f'dana il-kaz hija frott ta' immaturita', nuqqas tal-bon sens u bluha sfrenata, imgieba li wiehed ghandu jistmerrha. Il-Qorti tittama illi l-imputati johorgu minn dina it-triq minghajr futur ghalihom u dana permezz tal-ghajnuna li ser tigi offruta lilhom. Il-Qorti

taghmilha cara illi jekk l-imputati jerghu jikkomettu xi reati simili bhal dawk trattati illum, hija mhijiex ser tkun iktar klementi maghhom.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(dd), 339(1)(d), 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u fil-konfront ta'l-imputat Luca Vella Petroni biss l-artikolu 214, 215 u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u fil-konfront ta'l-imputati Aaron Sammut u Maverick Fenech biss, l-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat Luca Vella Petroni mil-ahhar akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tillibera lill-imputat Aaron Sammut mit-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issib lill-imputati hatja tal-kumplament ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Luca Vella Petroni taht ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin mil-lum u tqieghed lill-imputati Aaron Sammut u Maverick Fenech taht ordni ta' probation ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jonqsu milli jobdu l-Ordni imposta fuqhom illum jew jekk huma jikkomettu reat iehor matul il-perijodu ta' dina l-Ordni.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lil hati Luca Vella Petroni sabiex ihallas lir-Regsitratur tal-Qorti is-somma ta' €165.94 u dana fi zmien sitt xhur mil-lum.

Wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lill-hatja Luca Vella Petroni, Aaron Sammut u Maverick Fenech taht obbligazzjoni taghhom innfushom sabiex izommu l-paci ma' Andre Frendo, Marcel Apap u Nomar Apap u dana taht penali ta' €1000 ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------